**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 46/24 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 496/1997)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (1997) (Dok A- Att taz-Zwieg Nru 496/1997) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem F E imwieled fit-tmienja (8) ta' Awissu tas- sena elf disgha mija tmienja u disghin (1998) u ghalhekk illum ghandu hamsa u ghoxrin (25) sena.

2. Illi l-partijiet huma separati legalment b'kuntratt datat 29 ta' Settembru 2004. fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia (Dok B).

3. Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati de facto minn nofs is-sena 2003, u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq riferit il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jesigu manteniment minghand xulxin klawsola hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

5. Illi fir-rigward tal-manteniment li kien pagabbli ghat-tifel tal-partijiet fuq imsemmi, ir-rikorrenti tikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

6. Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Frar 2024;

Semgħet lill-intimat preżenti fl-awla jwieġeb fuq domanda tal-qorti li m’għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Settembru 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.